MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tat-23 ta' Frar, 2006

Citazzjoni Numru. 694/2006

**Joseph Zammit u martu Victoria Zammit (detenturi tal-karti ta’ identita’ numru 627640 M u 747346 M rispettivament)**

**-vs-**

**Michael Debono u martu Mary Debono (detenturi tal-karti ta’ l-Identita’ numru 980646 M u 523943 M rispettivament)**

**Il-Qorti**

Rat **ir-rikors** tas-17 ta’ Jannar 2007 li permezz tieghu l-intimati talbu li a tenur ta’ l-artikolu 836(1) tal-Kap 12 dina l-Qorti tiddikjara li m’hemmx aktar skop li dan il-mandat jibqa’ fis-sehh u ghalhekk tirrevokah u dana ghar-raguni li mir-relazzjoni li pprezenta l-perit arkitett nominat minn

dina l-Qorti fil-kawza fuq imsemmija wasal ghall-konkluzzjoni li parti mill-hajt divizorju bejn il-btiehi ghandu jittella sal gholi tal-bini ezistenti u progettat u fir-rigward ta' l-allegazzjoni li l-hajt divizorju ezistenti mhux b'sahhtu bizzejjed, il-Perit ikkonkluda li din l-allegazzjoni mhiex fondata. Ir-rikorrent ikkonfermaw li huma ma jsibu ebda diffikulta' anzi jaqblu li jittella l-hajt kif propost mill-Perit fil-para 031 tar-relazzjoni tieghu.

**L-intimati wiegbu** dan ir-rikors billi qalu li huma jaqblu li l-hajt isir basta li:

- Il-hajt jitla fuq pedamenti sodi
- Li jitnehha l-gebel hazin li hemm
- Li l-hajt jitla' skond is-sengha u l-arti u jigi certifikat minn Perit
- Li n-naha tal-hajt ta' l-attur jitla bil-franka – u dan bla pregudizzju ghall-hxuna tal-hajt kif tiddikjara l-Qorti.

Apparti dana hemm punti ohra li ma ssemmewx u li l-Qorti ghad trid tiddeciedi dwarhom.

Il-Perit nominat ikkonkluda li (1), (3) u (4) talbiet tar-rikorrent ghandhom jigu milqugha fis-sens li l-konvenuti jipprolungaw il-hajt divizorju bi tlett metri lura mill-aperturi taghhom ghall-gholi tal-bini taghhom.

Dwar it (2) u (5) talba li tittratta dwar il-hxuna tal-hajt divizorju l-perit halla dina l-kwistjoni f'idejn il-Qorti.

Dwar is-sahha tal-hajt divizorju, il-perit jghid li din il-kwistjoni hi b'xi mod allaccjata mal-mertu legali dwar il-hxuna tal-hajt divizorju, izda hu kkostata li l-hajt divizorju jiflah ghall-piz mizjud fuqu mill-konvenuti billi l-hsarat indikati waqt l-access m'humiex konsegwenza ta' xi nuqqas fis-sahha tal-hajt divizorju.

Il-Qorti tinnota li minhaba dana l-mandat ta' inibizzjoni l-intimati gew imwaqqfa milli jkomplu bil-progett taghhom b'dannu u pregudizzju ghalihom. Huwa minnu li l-perit tah ragun lir-rikrorenti fuq tlett talbiet, u li ghad hemm talbiet ohra li jridu jigu decizi minn dina l-Qorti, fosthom il-

kwistjoni dwar il-hxuna tal-hajt, izda jidher li f’dan l-istadju, fejn il-perit issuggerixxa xoghol rimedjali u anke kkostata li l-hajt diivizorju jiflah ghall piz, il-Qorti thoss li l-intimati ghandhom jithallew jaghmlu x-xoghol rimedjali taht is-sorveljanza ta’ l-istess perit, u in segwitu l-Qorti tiddeciedi definittivament jekk tirrevokax il-mandat jew le skond ir-rizultanzi.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tirriserva li tipprovdi definittivament fuq ir-rikors wara li, bla pregudizzju, l-intimati jithallew jipprolungaw il-hajt divizorju bi tlett metri lura mill-aperturi taghhom ghall-gholi tal-bini taghhom skond kif irrelata l-perit u dan taht is-sorveljanza ta’ l-istess perit nominat.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------